*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,420, 11 ta' April, 2025*

*Taqsima B*

---

**A.L. 73 tal-2025**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2025 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025 għas-Summien)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u wara li ttieħdu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025 għas-Summien) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw flimkien mar-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa. Titolu u għan. L.S. 549.57.

(2) Dawn ir-regolamenti qegħdin jinħarġu skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa d-"Direttiva tal-Għasafar".

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u fil-kuntest tal-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Għasafar, il-Ministru ħa inkonsiderazzjoni l-istat ta' konservazzjoni favorevoli tal-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta tas-Summiena, li hi "Stabbli".

**2.** Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-termini u l-frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi" u fir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa. Tifsir. L.S. 549.42. L.S. 549.57.

**3.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, is-Summiena hi kklassifikata bħala speċi kaċċabbli taħt Parti B tal-Anness II tad-Direttiva tal-Għasafar. F'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' "numri żgħar" fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva tal-Għasafar, għandha tinftiehem bħala "kampjun fl-ordni ta' wieħed fil-mija (1%) Determinazzjoni tas-sors tal-popolazzjoni u numri żgħar.

tal-mortalità totali annwali tal-popolazzjoni inkwistjoni". Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "popolazzjoni inkwistjoni" għandha tinftiehem fil-kuntest ta' dawn l-għasafar migratorji, bħala l-popolazzjoni ta' dawk ir-reġjuni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea minn fejn jiġu l-maġġoranza tal-eżemplari li jgħaddu mir-reġjun li jkun applika d-deroga waqt il-perjodu li tkun ġiet applikata.

Kalkolu tal-1% tal-mortalità totali annwali tal-popolazzjoni ta' referenza.

**4.** Il-wieħed fil-mija (1%) tal-mortalità totali annwali tal-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta tas-Summiena għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

**Summiena** (*Coturnix coturnix*)

Suċċess minimu ta' tnissil: 4 frieħ kull par (30,900 x 4) = 123,600

Numru minimu ta' btan fis-sena: 2

Rata ta' mortalità tal-frieħ fl-ewwel sena: (247,200 x 80%) = 197,760

Rata ta' mortalità tal-għasafar adulti: (61,800 x 71%) = 43,878

Mortalità totali annwali: (197,760 + 43,878) = 241,638

1% tal-mortalità totali annwali: (241,638 x 1%) = **2,416**

Jiġi stabbilit l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa. L.S. 549.42.

**5**. Għall-finijiet tar-raba' proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu tal-kaċċa għas-Summien fir-rebbiegħa tas-sena 2025 għandu jkun mill-14 ta' April sal-4 ta' Mejju 2025, iż-żewġ dati inklużi, minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ u l-ebda attività ta' kaċċa ma għandha tkun permessa fil-każ li l-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data speċifikata mill-Ministru.

Kaċċa skont il-qafas stabbilit.

L.S. 549.57.

**6.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa u soġġett għall-kundizzjonijiet kollha kif stipulati fil-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa.

Liċenzji speċjali u kwoti.

**7.** (1) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' elfejn u erba' mitt (2,400) Summiena, bħala n-numru totali ta'

għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa meħuda flimkien.

(2) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa ma għandhiex tibqa' fis-seħħ fil-każ li l-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data speċifikata mill-Ministru.